Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0224(COD)

13.10.2021

EMENDI
1 - 63

Abbozz ta' rapport
Fabienne Keller
(PE697.689v01-00)

dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE

Emendata Proposta għal regolament

(COM(2020)0611 – C9-xxxx/xxxx – 2016/0224(COD))

Emenda 1
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***Applikanti*** li jiġu identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċjali għandhom ikunu pprovduti b'appoġġ*** xieraq, inkluż ħin biżżejjed, sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji kollha għall-aċċess effettiv tagħhom għall-proċeduri u għall-preżentazzjoni tal-elementi meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn ma jkunx possibbli li jingħata appoġġ xieraq fil-qafas ta' proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera, ***applikat*** li ***jinħtieġ*** garanziji proċedurali speċjali ***għandu*** jkun eżentat minn dawk il-proċeduri. ***Il-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali ta' tip li jkun jista' jimpedixxi l-applikazzjoni ta' proċeduri aċċellerati jew fuq il-fruntieri għandu jfisser ukoll li l-applikant jingħata garanziji addizzjonali f'każijiet fejn l-appell tiegħu ma jkollux effett sospensiv awtomatiku, bil-għan li r-rimedju jkun effettiv fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.***	(17) ***Jenħtieġ li għall-applikanti*** li jiġu identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċifiċi jiġi pprovdut appoġġ*** xieraq, inkluż ħin biżżejjed, sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji kollha għall-aċċess effettiv tagħhom għall-proċeduri u għall-preżentazzjoni tal-elementi meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn ma jkunx possibbli li jingħata appoġġ xieraq fil-qafas ta' proċedura aċċelerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera, ***jenħtieġ li applikant*** li ***jeħtieġ*** garanziji proċedurali speċifiċi jkun eżentat minn dawk il-proċeduri. ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli jipprovdu alternattivi għad-detenzjoni fil-proċeduri fuq il-fruntiera, b'mod partikolari għall-minorenni mhux akkumpanjati u għall-applikanti b'vulnerabbiltajiet speċifiċi.***

Or. en

Emenda 2
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Sabiex l-Istati Membri li jinsabu fil-fruntiera esterna tal-Unjoni jingħataw solidarjetà u biex jiġu ggarantiti

kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni, il-faċilitajiet użati għall-fini tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jiġu ffinanzjati kompletament skont ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]. Dan jenħtieġ li jinkludi l-kostruzzjoni, l-operat u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet attwali u futuri, fil-kundizzjonijiet previsti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].

[1a] Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 3
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 31a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31a) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri u biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħarba u l-probabbiltà ta' movimenti mhux awtorizzati, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda vojt proċedurali bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u ta' deċiżjoni tar-ritorn. Deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tinħareġ immedjatament lill-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu miċħuda. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rimedju effettiv, id-deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tkun jew parti mid-deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew, jekk tkun att separat, tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni negattiva.	(31a) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri u biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħarba u l-probabbiltà ta' movimenti mhux awtorizzati, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda vojt proċedurali bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u ta' deċiżjoni tar-ritorn. Deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tinħareġ immedjatament lill-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu miċħuda. ***Meta jkun hemm aktar minn awtorità waħda involuta fil-ħruġ ta' deċiżjonijiet negattivi dwar applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet jikkoordinaw ma' xulxin sabiex jiżguraw***

li d-deċiżjonijiet negattivi u d-deċiżjonijiet ta' ritorn jinħarġu fl-istess ħin. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rimedju effettiv, id-deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tkun jew parti mid-deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew, jekk tkun att separat, tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni negattiva.

Or. en

Emenda 4
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 39a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39a) Fl-interess ta' proċeduri rapidi u ġusti għall-applikanti kollha, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li s-soġġorn ta' applikanti li ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni ma jittawwalx bla bżonn, inklużi dawk li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mir-rekwiżit li jkunu fil-pussess ta' viża skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1806, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċelleraw l-eżami tal-applikazzjonijiet ta' applikanti li huma ċittadini jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks residenti abitwali ta' pajjiż terz li għalihom, is-sehem tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huwa inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz. ***Fejn tkun*** seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn mindu ġiet ippubblikata d-data rilevanti tal-Eurostat ***u b'kont meħud*** tan-nota ta' gwida skont l-Artikolu ***10*** tar-Regolament XX/XX dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Asil***, jew fejn l-applikant*** jappartjeni għal kategorija speċifika ta' persuni li għalihom ir-rata baxxa ta' rikonoxximent ma tistax titqies bħala rappreżentattiva tal-ħtiġijiet ta'	(39a) Fl-interess ta' proċeduri rapidi u ġusti għall-applikanti kollha, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li s-soġġorn ta' applikanti li ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni ma jittawwalx bla bżonn, inklużi dawk li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mir-rekwiżit li jkunu fil-pussess ta' viża skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1806, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċelleraw l-eżami tal-applikazzjonijiet ta' applikanti li huma ċittadini jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks residenti abitwali ta' pajjiż terz li għalihom, is-sehem tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huwa inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz. ***Jenħtieġ li japplika limitu ta' 20 % fiċ-ċirkostanzi kollha, inkluż fi żminijiet ta' kriżi jew force majeure. Bħala eċċezzjoni, il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li ma tiġix aċċellerata meta l-Kummissjoni tiddetermina permezz ta' att ta' implimentazzjoni li*** tkun seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn mindu ġiet ippubblikata d-data rilevanti tal-Eurostat ***abbażi*** tan-nota ta' gwida skont l-

protezzjoni tagħhom minħabba raġuni speċifika ta' persekuzzjoni, ***l-eżami tal-applikazzjoni*** jenħtieġ li ***ma jiġix aċċellerat***. Il-każijiet fejn pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu jew pajjiż terz bla periklu għall-applikant skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibqgħu applikabbli bħala raġuni separata għal, rispettivament, il-proċedura aċċellerata ta' eżami jew il-proċedura inammissibbli.

Artikolu ***11*** tar-Regolament XX/XX dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Asil***. Applikant li*** jappartjeni għal kategorija speċifika ta' persuni li għalihom ir-rata baxxa ta' rikonoxximent ma tistax titqies bħala rappreżentattiva tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom minħabba raġuni speċifika ta' persekuzzjoni, jenħtieġ li ***jkun eżentat ukoll mill-proċedura aċċellerata ta' eżami, inkluż wara li tkun bdiet, fejn l-awtoritajiet kompetenti jsibu li r-raġunijiet għal tali proċedura ma japplikawx. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki xierqa tal-vulnerabbiltà matul il-proċedura kollha fuq il-fruntiera***. Il-każijiet fejn pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu jew pajjiż terz bla periklu għall-applikant skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibqgħu applikabbli bħala raġuni separata għal, rispettivament, il-proċedura aċċellerata ta' eżami jew il-proċedura inammissibbli.

Or. en

Emenda 5
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru, spiss minn persuni maqbuda b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna jew żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. Sabiex jitwettaq skrinjar ta' identifikazzjoni, sigurtà u saħħa fil-fruntiera esterna u sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat ikkonċernati jiġu diretti għall-proċeduri rilevanti, huwa meħtieġ skrinjar. Jenħtieġ li jkun hemm	(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru, spiss minn persuni maqbuda b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna jew żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. Sabiex jitwettaq skrinjar ta' identifikazzjoni, sigurtà u saħħa fil-fruntiera esterna u sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat ikkonċernati jiġu diretti għall-proċeduri rilevanti, huwa meħtieġ skrinjar. Jenħtieġ li jkun hemm

rabtiet effiċjenti u bla intopp bejn l-istadji kollha tal-proċeduri rilevanti għall-wasliet irregolari kollha. Wara l-iskrinjar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat jenħtieġ li jiġu direzzjonati għall-proċedura xierqa tal-ażil jew tar-ritorn, jew jiġu miċħudin id-dħul. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita fażi ta' qabel id-dħul li tikkonsisti fi proċeduri ta' skrinjar u tal-fruntieri għall-ażil u r-ritorn.	rabtiet effiċjenti u bla intopp bejn l-istadji kollha tal-proċeduri rilevanti għall-wasliet irregolari kollha. ***Meta jkun applikabbli u*** wara l-iskrinjar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat jenħtieġ li jiġu direzzjonati għall-proċedura xierqa tal-ażil jew tar-ritorn, jew jiġu miċħudin id-dħul. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita fażi ta' qabel id-dħul li tikkonsisti fi proċeduri ta' skrinjar u tal-fruntieri għall-ażil u r-ritorn.
	Or. en

Emenda 6
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40a) L-għan tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-ażil u r-ritorn jenħtieġ li jkun li jiġi vvalutat malajr ***fil-fruntieri esterni*** jekk l-applikazzjonijiet humiex bla bażi jew inammissibbli u li dawk mingħajr dritt ta' permanenza jiġu rritornati malajr, filwaqt li jiġi żgurat li dawk bi pretensjonijiet fondati jiġu direzzjonati lejn il-proċedura regolari u jingħataw aċċess rapidu għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jkunu jistgħu jitolbu lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali biex jibqgħu fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet. F'ċirkostanzi definiti sew, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu għall-eżami tal-merti ta' applikazzjoni u, fil-każ ta' ċaħda tal-applikazzjoni, għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat ikkonċernati ***fil-fruntieri esterni***.	(40a) L-għan tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-ażil u r-ritorn jenħtieġ li jkun li jiġi vvalutat malajr jekk l-applikazzjonijiet humiex bla bażi jew inammissibbli u li dawk mingħajr dritt ta' permanenza jiġu rritornati malajr, filwaqt li jiġi żgurat li dawk bi pretensjonijiet fondati jiġu direzzjonati lejn il-proċedura regolari u jingħataw aċċess rapidu għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jkunu jistgħu jitolbu lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali biex jibqgħu ***fil-postijiet, magħżula fid-diskrezzjoni tagħhom, għat-tlestija tal-proċedura fuq il-fruntiera, bħal*** fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet. F'ċirkostanzi definiti sew, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu għall-eżami tal-merti ta' applikazzjoni u, fil-każ ta' ċaħda tal-applikazzjoni, għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat ikkonċernati ***fi proċedura fuq il-fruntiera***.
	Or. en

Emenda 7
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40b) L-Istat Membru jenħtieġ li jivvaluta l-applikazzjonijiet fi proċedura fuq il-fruntiera fejn l-applikant ikun ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, fejn l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni u fejn x'aktarx l-applikazzjoni hija bla bażi minħabba li l-applikant huwa ta' nazzjonalità li għaliha d-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huma inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz. F'każijiet oħra, bħal meta l-applikant ikun minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew minn pajjiż terz bla periklu, l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jkun fakultattiv għall-Istati Membri.	(40b) L-Istat Membru jenħtieġ li jivvaluta l-applikazzjonijiet fi proċedura fuq il-fruntiera fejn l-applikant ikun ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, fejn l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni u fejn x'aktarx l-applikazzjoni hija bla bażi minħabba li l-applikant huwa ta' nazzjonalità li għaliha d-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huma inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz***, sakemm data aktar reċenti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil ma tindikax bidla sinifikanti***. F'każijiet oħra, bħal meta l-applikant ikun minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew minn pajjiż terz bla periklu, l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jkun fakultattiv għall-Istati Membri.

Or. en

Emenda 8
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40ba (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40ba) Qabel l-eżami tal-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni

internazzjonali, l-Istat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni jenħtieġ li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]. Sabiex ikun hemm konformità mal-iskadenzi stabbiliti għall-proċedura fuq il-fruntiera matul dak il-proċess ta' determinazzjoni, il-limiti ta' żmien biex tintbagħat talba biex tittieħed responsabbiltà lill-Istat Membru responsabbli, u għat-tweġiba tiegħu, jenħtieġ li jitqassru meta mqabbla mar-regoli ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

Or. en

Emenda 9
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40bb (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40bb) Filwaqt li l-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu vvalutati fi proċedura fuq il-fruntiera jistgħu ma jkunux intitolati li jidħlu legalment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li dawk l-applikanti dejjem jingħataw id-dritt li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru matul l-eżami tal-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fil-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 10
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40c) Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jakkomodaw lill-applikanti ***fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu,*** skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. ***L-Istati Membri jistgħu jipproċessaw l-applikazzjonijiet f'post differenti fil-fruntiera esterna minn dak fejn issir l-applikazzjoni għall-ażil billi jittrasferixxu lill-applikanti għal post speċifiku fil-fruntiera esterna ta' dak l-Istat Membru jew fil-viċinanza ta' din il-fruntiera, fejn jeżistu faċilitajiet adatti***. L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu ***d-diskrezzjoni*** fid-deċiżjoni dwar f'liema postijiet speċifiċi ***fil-fruntieri esterni*** jenħtieġ li jiġu stabbiliti tali faċilitajiet. ***Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu li jillimitaw il-ħtieġa għat-trasferiment tal-applikanti għal dan il-għan, u għalhekk jimmiraw li jistabbilixxu tali faċilitajiet b'kapaċità suffiċjenti fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, jew taqsimiet tal-fruntiera esterna, fejn issir il-maġġoranza tan-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jitqies ukoll it-tul tal-fruntiera esterna u n-numru ta' punti ta' qsim tal-fruntiera jew żoni ta' tranżitu. Huma*** jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-postijiet speċifiċi ***fil-fruntiera esterna, fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-prossimità tal-fruntiera esterna*** fejn se jitwettqu l-proċeduri ***tal-fruntiera***. F'każijiet fejn tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, u l-kapaċità tal-postijiet ***fi jew qrib il-fruntiera esterna*** kif innotifikat minn Stat Membru tinqabeż temporanjament, l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw dawk l-applikazzjonijiet f'post ieħor fit-territorju tagħhom, għall-	(40c) Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jakkomodaw lill-applikanti skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. ***Il-persunal tal-ażil, ir-rappreżentanti legali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u internazzjonali, jew il-persunal soċjomediku jenħtieġ li dejjem jitħallew jaċċessaw il-faċilitajiet tal-proċedura fuq il-fruntiera***. L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu ***l-fakultà tagħhom tad-diskrezzjoni*** fid-deċiżjonijiet dwar f'liema postijiet speċifiċi jenħtieġ li jiġu stabbiliti tali faċilitajiet***, iżda jenħtieġ li jiżguraw li r-rekwiżiti għall-proċeduri fuq il-fruntieri jkomplu japplikaw***. ***Tali faċilitajiet jistgħu jkunu jinsabu fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew qribhom, dment li jiggarantixxu kondizzjonijiet ta' akkoljenza xierqa, aċċess għall-persunal u servizzi essenzjali. L-Istati Membri*** jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-postijiet speċifiċi fejn se jitwettqu l-proċeduri ***fuq il-fruntiera***. F'każijiet fejn tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, u l-kapaċità tal-postijiet kif innotifikat minn Stat Membru tinqabeż temporanjament, ***u l-kapaċità tal-persunal ma tkunx suffiċjenti jew il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza ma jiġux issodisfati,*** l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw dawk l-applikazzjonijiet f'post ieħor fit-territorju tagħhom, għall-iqsar żmien possibbli.

iqsar żmien possibbli.

Or. en

Emenda 11
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40ca (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40ca) Ir-ritorn effettiv tal-migranti irregolari fil-limitu ta' żmien ta' 12-il ġimgħa huwa komponent importanti ta' proċedura fuq il-fruntiera li tiffunzjona tajjeb. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jtejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fir-rigward tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, u jenħtieġ li jiddependu fuq il-mekkaniżmu skont l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni [ir-Regolament XXX/XXX/UE], bil-ħsieb li jiġu inklużi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-Unjoni u li tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika għajr il-politika dwar il-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 12
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40d) ***F'każ fejn*** l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera jkun obbligu, l-Istati Membri, bħala eċċezzjoni, jenħtieġ li ma jkunux	(40d) ***Meta*** l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera jkun obbligu, l-Istati Membri, bħala eċċezzjoni, jenħtieġ li ma jkunux

meħtieġa ***japplikawha għall-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn*** ċittadini ta' pajjiż terz li ma jikkooperax biżżejjed fuq ir-riammissjoni, minħabba li f'dak il-każ, ma jkunx probabbli li l-persuni kkonċernati ***jirritornaw*** malajr, wara li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew rifjutati. Id-determinazzjoni ta' jekk pajjiż terz ikunx qed jikkoopera b'mod suffiċjenti dwar ir-riammissjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.

meħtieġa ***li jissoġġettaw lil*** ċittadini ta' pajjiż terz li ma jikkooperax biżżejjed fuq ir-riammissjoni ***għall-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn,*** minħabba li f'dak il-każ, ma jkunx probabbli li l-persuni kkonċernati ***jkunu jistgħu jiġu rritornati*** malajar wara li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew rifjutati ***matul il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali***. Id-determinazzjoni ta' jekk pajjiż terz ikunx qed jikkoopera b'mod suffiċjenti dwar ir-riammissjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009. ***Meta l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn ma tiġix applikata b'mod eċċezzjonali f'dawk iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li tapplika l-proċedura tar-ritorn stabbilita mid-Direttiva dwar ir-Ritorn u jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.***

Or. en

Emenda 13
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40e) It-tul ta' żmien tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun qasir kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin jiggarantixxi eżami sħiħ u ġust tat-talbiet. Fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Din l-iskadenza jenħtieġ li tinftiehem bħala skadenza awtonoma għall-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil, li tinkludi kemm id-deċiżjoni dwar l-eżami tal-applikazzjoni kif ukoll id-deċiżjoni ***tal-ewwel livell ta' appell***, jekk	(40e) It-tul ta' żmien tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun qasir kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin jiggarantixxi eżami sħiħ u ġust tat-talbiet. Fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Din l-iskadenza jenħtieġ li tinftiehem bħala skadenza awtonoma għall-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil, li tinkludi kemm id-deċiżjoni dwar l-eżami tal-applikazzjoni kif ukoll id-deċiżjoni ***tal-appell***, jekk applikabbli. F'dan

applikabbli. F'dan il-perjodu, l-Istati Membri huma intitolati li jistabbilixxu l-iskadenza fil-liġi nazzjonali kemm għall-istadju amministrattiv kif ukoll għall-istadju tal-appell, iżda jenħtieġ li jistabbilixxuhom b'mod li jiżguraw li l-proċedura ta' eżami tiġi konkluża u li sussegwentement, jekk ikun rilevanti, id-deċiżjoni dwar ***l-ewwel livell ta' appell*** tinħareġ f'dan il-massimu ta' 12-il ġimgħa. Wara dak il-perjodu, jekk l-Istat Membru xorta waħda jkun naqas milli jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti, ***fil-prinċipju,*** l-applikant jenħtieġ li jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru. Madankollu, id-dħul fit-territorju jenħtieġ li ma jiġix awtorizzat fejn l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa', fejn ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell, jew fejn qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li jenħtieġ li ma jitħalliex jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell. F'każijiet bħal dawn, biex tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-proċedura tal-ażil u l-proċedura tar-ritorn, il-proċedura tar-ritorn jenħtieġ li titwettaq ukoll fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Dan il-perjodu jenħtieġ li jibda mill-mument li fih l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu jew ma jitħallewx jibqgħu.

il-perjodu, l-Istati Membri huma intitolati li jistabbilixxu l-iskadenza fil-liġi nazzjonali kemm għall-istadju amministrattiv kif ukoll għall-istadju tal-appell, iżda jenħtieġ li jistabbilixxuhom b'mod li jiżguraw li l-proċedura ta' eżami tiġi konkluża u li sussegwentement, jekk ikun rilevanti, id-deċiżjoni dwar ***l-appell*** tinħareġ f'dan il-massimu ta' 12-il ġimgħa. Wara dak il-perjodu, jekk l-Istat Membru xorta waħda jkun naqas milli jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti, l-applikant jenħtieġ li jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru. Madankollu, id-dħul fit-territorju jenħtieġ li ma jiġix awtorizzat fejn l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa', fejn ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell, jew fejn qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li jenħtieġ li ma jitħalliex jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell. F'każijiet bħal dawn, biex tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-proċedura tal-ażil u l-proċedura tar-ritorn, il-proċedura tar-ritorn jenħtieġ li titwettaq ukoll fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Dan il-perjodu jenħtieġ li jibda mill-mument li fih l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu jew ma jitħallewx jibqgħu. ***Biex titlesta l-proċedura fuq il-fruntiera fl-iskadenzi stabbiliti, l-awtoritajiet kompetenti u l-atturi kollha involuti fil-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jfittxu li jtejbu l-involviment u l-kooperazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-istadji kollha tal-proċedura.***

Or. en

Emenda 14
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40f) Filwaqt li l-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tista' tiġi applikata mingħajr rikors għad-detenzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li madankollu jkunu jistgħu japplikaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni matul il-proċedura fuq il-fruntiera skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] (UE) XXX/XXX ***sabiex jiddeċiedu dwar*** id-dritt tal-applikant li jidħol fit-territorju***. Jekk matul tali proċedura tintuża d-detenzjoni, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-detenzjoni tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], inkluż il-garanziji għal applikanti*** detenuti ***u l-fatt li*** valutazzjoni individwali ta' kull każ hija meħtieġa***, il-kontroll ġudizzjarju u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni***.	(40f) Filwaqt li l-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tista' tiġi applikata mingħajr rikors għad-detenzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li madankollu jkunu jistgħu japplikaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni matul il-proċedura fuq il-fruntiera skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [***dwar il-***Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] (UE) XXX/XXX ***inkluż*** id-dritt tal-applikant li jidħol fit-territorju ***u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-garanziji għall-applikanti*** detenuti. ***Deċiżjoni biex applikant jinżamm f'detenzjoni matul proċedura fuq il-fruntiera qatt ma jenħtieġ li tkun awtomatika. Tali deċiżjonijiet jenħtieġ li dejjem ikunu bbażati fuq*** valutazzjoni individwali ta' kull każ ***li turi li d-detenzjoni*** hija meħtieġa ***u proporzjonata u li mhuwiex possibbli li jiġu applikati b'mod effettiv miżuri inqas koersivi***. ***Tali deċiżjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għal superviżjoni ġudizzjarja.***

Or. en

Emenda 15
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40fa (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40fa) Bil-ħsieb li tiġi evitata ċ-ċaħda tal-libertà fejn jistgħu jkunu applikabbli miżuri inqas stretti, l-Istati Membri jenħtieġ lii junu jistgħu jirrestringu l-libertà tal-moviment tal-applikanti kif previst fid-Direttiva [dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] (UE) XXX/XXX, jew jenħtieġ li jirrikorru għal alternattivi oħra għad-detenzjoni. Tali

alternattivi jenħtieġ li jkunu disponibbli kemm fil-liġi kif ukoll fil-fatt fil-livell nazzjonali u jistgħu jingħataw, b'mod partikolari, lil applikanti bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza, b'mod partikolari lil minorenni, familji jew persuni vulnerabbli oħra. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika l-aħjar prattika, u jenħtieġ li tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati b'għarfien espert f'dak il-qasam, bħall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, in-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni, il-Kumitat ta' Tmexxija għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni jew organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Or. en

Emenda 16
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40h) Meta tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, ċerti dispożizzjonijiet tad-[***id-***Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn] jenħtieġ li japplikaw peress li dawn jirregolaw elementi tal-proċedura tar-ritorn li mhumiex determinati minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar id-definizzjonijiet, dispożizzjonijiet aktar favorevoli, non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa, ir-riskju ta' ħarba, l-obbligu ta'	(40h) Meta tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, ċerti dispożizzjonijiet tad-[Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn] jenħtieġ li japplikaw peress li dawn jirregolaw elementi tal-proċedura tar-ritorn li mhumiex determinati minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar id-definizzjonijiet, dispożizzjonijiet aktar favorevoli, non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa, ir-riskju ta' ħarba, l-obbligu ta' kooperazzjoni, il-perjodu għat-tluq

kooperazzjoni, il-perjodu għat-tluq volontarju, id-deċiżjoni tar-ritorn, it-tneħħija, il-posponiment tat-tneħħija, ir-ritorn u t-tneħħija ta' minorenni mhux akkumpanjati, projbizzjonijiet ta' dħul, salvagwardji sakemm jaslu lura, detenzjoni, kundizzjonijiet ta' detenzjoni, detenzjoni ta' minuri u familji f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. ***Biex jitnaqqas ir-riskju ta' dħul u moviment mhux awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, jista' jingħata perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx il-15-il jum lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' konformità volontarja mal-obbligu tar-ritorn fi kwalunkwe mument.***

volontarju, id-deċiżjoni tar-ritorn, it-tneħħija, il-posponiment tat-tneħħija, ir-ritorn u t-tneħħija ta' minorenni mhux akkumpanjati, projbizzjonijiet ta' dħul, salvagwardji sakemm jaslu lura, detenzjoni, kundizzjonijiet ta' detenzjoni, detenzjoni ta' minuri u familji f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Or. en

Emenda 17
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40ha) Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet skont id-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li r-rikors għar-ritorn volontarju jiġi appoġġat fil-proċedura fuq il-fruntiera biex jitħeġġeġ l-użu ta' approċċ iċċentrat fuq il-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-awtoritajiet kompetenti. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li jiġu infurmati kif xieraq dwar il-kondizzjonijiet u l-benefiċċji tar-ritorn volontarju kmieni kemm jista' jkun, inkluż fil-bidu tal-fażi ta' qabel id-dħul. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' dħul u moviment mhux awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali soġġetti

għall-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, jista' jingħata perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx l-20 jum lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' konformità volontarja mal-obbligu tar-ritorn fi kwalunkwe mument. Abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2021 bit-titolu "L-Istrateġija tal-UE dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw programmi għar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni fil-proċedura fuq il-fruntiera. Dawk il-programmi jagħmlu enfasi qawwija fuq il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-oriġini bil-ħsieb li jiġu żviluppati politiki u programmi ta' riintegrazzjoni sostenibbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jqisu l-impatti ekonomiċi u soċjali fuq il-komunitajiet ta' oriġini, u jiżguraw l-involviment u l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha.

Or. en

Emenda 18

Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40hb (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40hb) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li f'kull ħin tiġi implimentata proċedura fuq il-fruntiera ġusta u effiċjenti għat-twettiq tar-ritorn, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li tipprovdi, fil-qafas tal-mandat tagħha, assistenza rapida u kwalitattiva biex tlesti firxa wiesgħa ta' kompiti fl-istadji kollha tal-proċedura fuq

il-fruntiera. Pereżempju, jenħtieġ li l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta tkun tista' tikkomplementa r-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti billi tipprovdi esperti tar-ritorn, tappoġġa l-koordinazzjoni ta' ritorni furzati u volontarji, torganizza operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-persuni rimpatrijati, tappoġġa l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u timmonitorja l-operazzjonijiet ta' ritorn fl-istadji kollha.

Or. en

Emenda 19
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40k) Il-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li titwettaq f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") u mad-dritt tal-Unjoni. Il-Funzjonament xieraq tal-proċedura fuq il-fruntiera jiddependi b'mod inerenti fuq id-disponibbiltà ta' persunal adegwat u kkwalifikat fl-istadji kollha tal-proċedura. Sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri fuq il-fruntiera jkunu ġusti u effiċjenti u li l-kondizzjonijiet ta' akkoljenza jkunu xierqa, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, fiċ-ċirkostanzi kollha, jallokaw persunal ikkwalifikat u mħarreġ sew skont il-ħtiġijiet fil-postijiet rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jfittxu, fejn ikun meħtieġ, l-appoġġ mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti wkoll lill-awtoritajiet kompetenti fl-ippjanar tal-

allokazzjoni ta' persunal kwalifikat, bil-ħsieb li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 20
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40l (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40l) Minħabba l-varjetà ta' awtoritajiet u partijiet interessati involuti fil-proċedura fuq il-fruntiera, huwa essenzjali li l-Istati Membri jikkooperaw b'mod kontinwu u effiċjenti ma' xulxin, pereżempju billi joħorġu deċiżjonijiet negattivi dwar l-ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn flimkien u fl-istess ħin. Fl-implimentazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li għalhekk jistabbilixxu struttura ta' kooperazzjoni ċara u b'saħħitha fil-proċedura fuq il-fruntiera, inkluż f'termini tal-kondiviżjoni tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet jew l-iskambju ta' informazzjoni. Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li janalizzaw u jikkondividu l-aħjar prattika sabiex jassistu lill-Istati Membri f'dak l-objettiv.

Or. en

Emenda 21
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40m (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40m) Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-

Unjoni jenħtieġ li jappoġġjaw bis-saħħa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-proċedura aċċellerata ta' eżami, il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn. B'mod partikolari, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li jaqdu rwol ċentrali fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li, għal dak il-għan, jisfruttaw il-potenzjal u l-ambitu sħaħ tal-kompetenza tagħhom. Tali attivitajiet jistgħu jinkludu li jipprovdu analiżi u għarfien espert, li jfornu appoġġ operazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti jew li jwettqu missjonijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Or. en

Emenda 22
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40n (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40n) Minħabba l-varjazzjoni tal-flussi migratorji li jaslu fid-diversi punti ta' dħul fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu kapaċi jipprovdu appoġġ rapidu u mfassal apposta lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 23
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 40o (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40o) Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li jwieġbu għat-talba ta' Stat Membru għal appoġġ rapidu u mfassal apposta jew jenħtieġ li jkunu jistgħu jipproponu appoġġ fuq inizjattiva tagħhom stess lil Stat Membru speċifiku fejn jitqies meħtieġ. Meta korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni jqisu li jkun meħtieġ li jipproponu appoġġ lil Stat Membru speċifiku, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jieħu kont debitu ta' dik il-proposta u jenħtieġ li jkun jista' jaċċettaha, jemendaha jew jirrifjutaha.

Or. en

Emenda 24
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 66c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66c) Biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-reviżjoni legali mwettqa minn qorti jew tribunal dwar deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u d-deċiżjoni ta' akkumpanjament dwar ir-ritorn, u bil-ħsieb li jitħaffef l-eżami tal-każ u jitnaqqas il-piż fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, tali deċiżjonijiet ***jenħtieġ li jkunu*** soġġetti għal proċedimenti komuni quddiem l-istess qorti jew tribunal.	(66c) Biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-reviżjoni legali mwettqa minn qorti jew tribunal dwar deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u d-deċiżjoni ta' akkumpanjament dwar ir-ritorn, u bil-ħsieb li jitħaffef l-eżami tal-każ u jitnaqqas il-piż fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, ***jenħtieġ li jkun possibbli li*** tali deċiżjonijiet ***ikunu*** soġġetti għal proċedimenti komuni quddiem l-istess qorti jew tribunal***, fejn dan ikun possibbli fil-qafas tas-sistema ġuridika nazzjonali kkonċernata***.

Or. en

Emenda 25
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 66e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(66e) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja u tevalwa regolarment jekk dan ir-Regolament hux qed jiġi applikat u implimentat kif suppost. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti biex tivverifika u tinvestiga kwalunkwe allegazzjoni ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-proċedura fuq il-fruntiera. Dak il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri d-drittijiet proċedurali u fundamentali, il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza u l-applikazzjoni tad-detenzjoni u l-alternattivi għad-detenzjoni.

Or. en

Emenda 26
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 35a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, bla bażi jew manifestament bla bażi fir-rigward kemm tal-istatus ta' rifuġjat u tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, jew tiġi irtirata impliċitament jew espliċitament, l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni tar-ritorn li tirrispetta d-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew f'att separat.	Fejn applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, bla bażi jew manifestament bla bażi fir-rigward kemm tal-istatus ta' rifuġjat u tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, jew tiġi irtirata impliċitament jew espliċitament, l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni tar-ritorn li tirrispetta d-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]***, b'mod partikolari l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat ta' saħħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, u l-***

Fejn id-deċiżjoni tar-ritorn tinħareġ bħala att separat, din għandha tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	***prinċipju ta' non-refoulement***. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew f'att separat. Fejn id-deċiżjoni tar-ritorn tinħareġ bħala att separat, din għandha tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.
	Or. en

Emenda 27
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-applikant huwa ta' nazzjonalità jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar *data* medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ***ma jkunx hemm*** bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippubblikata d-*data* rilevanti tal-Eurostat ***jew*** l-applikant jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom;	(i) l-applikant huwa ta' nazzjonalità**,** jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali**,** ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar *data* medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm***:***
	(i) abbażi tan-noti ta' gwida żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil), il-Kummissjoni tiddetermina, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tkun seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippubblikata d-*data* rilevanti

tal-Eurostat***, jew***

(ii) ***l-awtorità kompetenti rilevanti tiddetermina li*** l-applikant jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom***.***

Mingħajr preġudizzju għall-punt (i) tal-ewwel subparagrafu, għandu japplika limitu ta' 20 % fiċ-ċirkostanzi kollha, inkluż f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' force majeure kif stabbilit fir-Regolament XXX/XXX [Kriżi u force majeure];

Or. en

Emenda 28
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant huwa ta' nazzjonalità jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar *data* tal-Eurostat annwali disponibbli għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ***ma jkunx hemm*** bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippublikata d-*data* rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant ikun jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom;	(c) l-applikant huwa ta' nazzjonalità***,*** jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali***,*** ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar *data* ***medja*** annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ***(i) abbażi tan-noti ta' gwida żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (l-***

Aġenzija tal-UE għall-Ażil), il-Kummissjoni tiddetermina, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tkun seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippubblikata d-*data* rilevanti tal-Eurostat; ***jew***

(ii) l-awtorità kompetenti rilevanti tiddetermina li l-applikant jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom.

Mingħajr preġudizzju għall-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, għandu japplika l-limitu minimu ta' 20 % fiċ-ċirkostanzi kollha, inkluż f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' force majeure kif stabbilit fir-Regolament XXX/XXX [Kriżi u force majeure];

Or. en

Emenda 29
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 6 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6. L-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-atturi kollha involuti fil-proċedura fuq il-fruntiera, għandhom ijfittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-istadji kollha tal-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 30
Fabienne Keller

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Wara l-proċedura ta' skrinjar imwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], u sakemm l-applikant ma jkunx għadu ġie awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera fejn dik l-applikazzjoni tkun saret minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' ssir:	1. Wara l-proċedura ta' skrinjar imwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], ***meta jkun applikabbli*** u sakemm l-applikant ma jkunx għadu ġie awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera fejn dik l-applikazzjoni tkun saret minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' ssir:

Or. en

Emenda **31**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) wara li jinqabdu ***b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera*** esterna;	(b) Wara li ***dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew jew dik il-persuna mingħajr Stat*** jinqabdu ***mill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru wara li jkunu qasmu il-fruntiera*** esterna ***mingħajr awtorizzazzjoni***;

Or. en

Emenda **32**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 3 għal ċittadini nazzjonali jew persuni mingħar Stat li huma residenti abitwali ta' pajjiżi terzi li għalihom dak l-Istat Membru jkun ippreżenta notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.	***imħassar***
Fejn, wara l-eżami mwettaq skont l-Artikolu 25a(4) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru għandu jerġa' japplika d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.	
Fejn il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru jista' jkompli ma japplikax il-paragrafu 3:	
(a) sakemm att ta' implimentazzjoni adottat preċedentement mill-Kunsill skont l-Artikolu 25a(5) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 jiġi revokat jew jiġi emendat;	
(b) fejn il-Kummissjoni ma tqisx li tkun meħtieġa azzjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, sakemm il-Kummissjoni tirrapporta fil-valutazzjoni tagħha mwettqa skont il-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu li hemm bidliet sostanzjali fil-kooperazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat.	

Or. en

Emenda **33**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata biss għal minorenni mhux akkumpanjati u għal minorenni taħt l-età ta' 12-il sena u l-membri tal-familja tagħhom fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(5)(b).	5. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata biss għal minorenni mhux akkumpanjati u għal minorenni taħt l-età ta' 12-il sena u l-membri tal-familja tagħhom fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(5)(b). ***L-aħjar interessi tat-tfal u s-salvagwardji previsti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12, 13, 14, 20, 21, 22 u 23, għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja għall-awtoritajiet kompetenti fl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.***

Or. en

Emenda **34**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-applikanti soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 9 u 11.	6. L-applikanti soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 9 u 11. ***Skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], Stat Membru ma għandux jiddeċiedi li jżomm applikant f'detenzjoni sakemm ma jkunx ivvaluta b'mod individwali l-każ ta' dak l-applikant u effettivament ikkunsidra alternattivi għad-detenzjoni jew miżuri inqas koerċittivi.***

Or. en

Emenda **35**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri proporzjonati biex jiżguraw li l-applikanti fil-proċedura fuq il-fruntiera jibqgħu fil-postijiet magħżula skont l-Artikolu 41(13) u (14).

Or. en

Emenda **36**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6b. F'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u d-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn], l-Istati Membri jistgħu jżommu applikant f'detenzjoni bħala parti mill-proċedura fuq il-fruntiera dment li jkun meħtieġ wara valutazzjoni individwali tal-każ ta' dak l-applikant u li ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv miżuri alternattivi inqas koerċittivi. Id-deċiżjoni li applikant jinżamm f'detenzjoni għandha tittieħed minn imħallef, u l-perijodu ta' detenzjoni għandu jkun proporzjonat u jiġi terminat hekk kif ir-raġunijiet għaliha ma jibqgħux japplikaw. ***F'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], l-Istati Membri jistgħu jirrestringu l-libertà tal-moviment tal-applikanti sabiex jipproċessaw l-applikazzjonijiet fil-proċedura fuq il-***

fruntiera.

L-Istati Membri għandhom jużaw l-alternattivi għad-detenzjoni stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] li huma effettivament disponibbli fejn japplikaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni, b'mod partikolari għal gruppi speċifiċi bħall-minorenni jew il-familji.

Or. en

Emenda **37**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41, paragrafu 6c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6c. Sa ... [Sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (L-Aġenzija tal-UE għall-Ażil), tiżviluppa linji gwida dwar prattiki differenti fir-rigward ta' alternattivi għad-detenzjoni li jistgħu jintużaw fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.
	Il-linji gwida msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jispeċifikaw il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni, u għandu jkollhom l-għan li jindirizzaw is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet ta' kategoriji differenti ta' applikanti, bħan-nisa, il-minorenni, il-minorenni mhux akkumpanjati jew il-familji. Dawk il-linji gwida għandhom ifittxu li jtejbu l-bini tal-fiduċja mal-applikanti u jiżguraw li dawn jinvolvu ruħhom u jikkonformaw mal-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda **38**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 6d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6d. Sa ... [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni tal-paragrafu 6c.

Or. en

Emenda **39**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera, l-Istati Membri ***jistgħu jwettqu*** l-proċedura biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 11	7. Meta ***jkunu qed*** japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera ***għal applikant għall-protezzjoni internazzjonali***, l-Istati Membri ***għandhom iwettqu*** l-proċedura biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 11

Or. en

Emenda **40**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. B'eċċezzjoni għall-Artikolu 29(1) u (2) u l-Artikolu 30(1), (2) u (7) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], fejn Stat Membru li fih applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irreġistrata fil-kuntest tal-fażi ta' qabel id-dħul iqis li Stat Membru ieħor huwa responsabbli biex jeżamina dik l-applikazzjoni, huwa għandu mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet ġimgħat mid-data li fiha l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, jitlob lil dak l-Istat Membru l-ieħor jieħu inkarigu tal-applikant. L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq il-kontrolli meħtieġa, u għandu jiddeċiedi rigward it-talba biex jieħu inkarigu ta' applikant fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba.

Or. en

Emenda **41**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru.	F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru. ***L-Istati Membri għandhom jissorveljaw regolarment l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għal dak il-għan.*** ***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta regolarment l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, u għandha***

tirrapporta l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq bażi annwali.

Or. en

Emenda **42**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ħamest ijiem mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament.	10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ħamest ijiem ***tax-xogħol*** mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem ***tax-xogħol*** minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament ***dment li l-applikant jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan fi żmien dawn l-iskadenzi***.

Or. en

Emenda **43**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi	11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. ***Id-drittijiet proċedurali individwali kif***

2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1). . B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.

previsti f'dan ir-Regolament, bħall-aċċess għall-informazzjoni, l-assistenza u r-rappreżentanza legali u l-interpretazzjoni, għandhom ikunu garantiti b'mod effettiv għaż-żmien kollu li ddum għaddejja l-proċedura fuq il-fruntiera. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal jiġi allokat b'mod xieraq u li jkun hemm koordinazzjoni effiċjenti bejn l-atturi u l-awtoritajiet differenti fil-proċedura fuq il-fruntiera, f'konformità mal-Artikoli 41b u 41c. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1). B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.

Or. en

Emenda **44**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti ***għandhom jinżammu*** fil-fruntiera esterna jew ***fil-viċinanza*** tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux	13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, ***l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jirrikjedu li*** l-applikanti ***jibqgħu f'postijiet, magħżula skont id-diskrezzjoni tagħhom, biex ilestu l-proċedura fuq il-fruntiera fit-***

aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera***, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta*** jiġi applikat il-paragrafu 3 u ***jiġi żgurat*** li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni ***xahrejn*** qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

territorju tal-Istati Membri, f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. Proċedura fuq il-fruntiera tista' ssir fil-fruntiera esterna jew ***fil-viċinanza*** tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu ***jew fil-viċinanza tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru, dment li l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu jiġu rispettati bis-sħiħ u l-ħtiġijiet speċjali tal-applikanti jiġu salvagwardjati kif xieraq***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera ***inkluż meta jkun qed*** jiġi applikat il-paragrafu 3 u ***jiżgura*** li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera ***abbażi ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti,*** għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni ***kmieni kemm jista' jkun u tal-inqas ġimagħtejn*** qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

Or. en

Emenda **45**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. F'sitwazzjonijiet fejn ***il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri*** skont il-paragrafu ***1*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex ***tipproċessa*** l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, ***l-Istati Membri jistgħu jagħżlu*** postijiet oħra fit-territorju ***tal-Istat Membru*** u wara notifika lill-	14. F'sitwazzjonijiet fejn***, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni jew minn awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, jinstab li l-kapaċità ta' post kif innotifikat minn dak l-Istat Membru*** skont il-paragrafu ***13*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex ***jiġu***

Kummissjoni ***jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk***, ***fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ***.	***pproċessati*** l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, ***dak l-Istat Membru għandu jagħżel*** postijiet oħra fit-territorju ***tiegħu*** u***,*** wara notifika lill-Kummissjoni***, għandu jakkomoda l-applikanti***, ***skont il-kundizzjonijiet previsti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]***.

Or. en

Emenda **46**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; ***fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu***. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'.	2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet ***magħżula skont id-diskrezzjoni tal-Istati Membri, u jistgħu jkunu*** fil-fruntiera esterna jew ***fil-viċinanza tagħha jew*** fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom ***fit-territorju tal-Unjoni***; ***Il-postijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]***. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'.

Or. en

Emenda **47**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet ta dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 sa 7, l-Artikolu 8(1) sa (5), l-Artikolu 9(2) sa (4), l-Artikoli 10 sa 13, l-Artikolu 15, l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 18(2) sa (4) u l-Artikoli 19 sa 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn] ***għandhom japplikaw***.	3. Għall-finijiet ta dan l-Artikolu, ***għandhom japplikaw*** l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 sa 7, l-Artikolu 8(1) sa (5), l-Artikolu 9(2) sa (4), l-Artikoli 10 sa 13, ***l-Artikolu 14(3),*** l-Artikolu 15, l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 18(2) sa (4) u l-Artikoli 19 sa 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn].

Or. en

Emenda **48**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-proċedura fuq il-fruntiera biex iwettaq ir-ritorn għal ċittadini nazzjonali jew persuni mingħar Stat li huma residenti abitwali ta' pajjiżi terzi li għalihom dak l-Istat Membru jkun ippreżenta notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.* ***Fejn, wara l-eżami mwettaq skont l-Artikolu 25a(4) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru għandu jerġa' japplika l-proċedura fuq il-fruntiera biex iwettaq ir-ritorn. ***Fejn il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru jista' jkompli ma japplikax il-proċedura fuq il-fruntiera biex iwettaq ir-ritorn*** ***(a) sakemm att ta' implimentazzjoni adottat preċedentement mill-Kunsill skont***

l-Artikolu 25a(5) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 jkun ġie revokat jew emendat;

(b) sakemm il-Kummissjoni tirrapporta fil-valutazzjoni tagħha mwettqa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 li hemm bidliet sostantivi fil-kooperazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat, dment li l-Kummissjoni ma tqisx li hija meħtieġa azzjoni f'konformità ma' dak l-Artikolu.

Or. en

Emenda **49**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 ***jiġu rritornati*** volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx ***15-il*** jum.	4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 ***jirritornaw*** volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx ***l-20*** jum ***u għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti***. ***L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew il-persunal kompetenti għall-proċedura fuq il-fruntiera għandhom jinfurmaw lill-persuni kif imsemmi fil-paragrafu 1 li huma eliġibbli għar-ritorn volontarju f'konformità ma' dan l-Artikolu dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tar-ritorn volontarju mill-ewwel jum tal-proċedura fuq il-fruntiera. Huma għandhom jiġu assistiti b'mod effiċjenti, fejn applikabbli, minn persunal kwalifikat fl-istadji kollha.*** ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi li jipprevedu assistenza u konsulenza msaħħa għar-ritorn volontarju fil-proċedura fuq il-fruntiera.***

Tali assistenza tista' tinkludi appoġġ għar-riintegarazzjoni fil-pajjiż terz ta' ritorn.

Il-programmi kif imsemmija fit-tielet subparagrafu jistgħu jinkludu materjal loġistiku, materjal finanzjarju u materjal ieħor jew assistenza in natura.

Il-Kummissjoni tista' tipprovdi linji gwida dwar standards komuni għar-ritorn volontarju fil-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda **50**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 u li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija.	5. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 u li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija***, sakemm ir-raġunijiet tad-detenzjoni skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn] jkunu għadhom japplikaw***.

Or. en

Emenda **51**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Fil-qafas ta' dan l-Artikolu, l-

Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tista', fil-mandat tagħha, tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fl-operazzjonijiet ta' ritorn u ta' riammissjoni billi, fost l-oħrajn, tipprovdi esperti tar-ritorn, tappoġġa l-koordinazzjoni tar-ritorni furzati u volontarji, torganizza operazzjonijiet konġunti tar-ritorn, tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-persuni rimpatrijati bejn l-Istati Membri, tappoġġa l-identifikazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u timmonitorja l-operazzjonijiet tar-ritorn fl-istadji kollha.

Or. en

Emenda **52**
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 41b
	Il-persunal fil-proċedura fuq il-fruntiera
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tagħhom li jkun involut fil-proċedura fuq il-fruntiera jkun ingħata livell xieraq u taħriġ fiċ-ċirkostanzi kollha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess effettiv għal organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' proċedura fuq il-fruntiera.
	2. Sa ... [Sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil toħroġ linji gwida, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, biex tassisti lill-Istati Membri fl-ippjanar u l-allokazzjoni tal-livell

xieraq ta' persunal, f'konformità mal-paragrafu 1. Il-linji gwida għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti medji għall-persunal sabiex ikun jista' jikkonforma mar-rekwiżiti proċedurali u tal-akkoljenza, f'dawk li huma għadd, tip u kwalifiki.

3. Meta mitluba minn Stat Membru, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jipprovdulu appoġġ rapidu u mfassal apposta fil-proċedura fuq il-fruntiera kif speċifikat fl-Artikolu 57a, b'mod partikolari meta dak l-Istat Membru jesperjenza żieda sinifikanti fl-applikazzjonijiet .

Or. en

Emenda **53**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 41c
	Il-koordinazzjoni bejn l-atturi fil-proċedura fuq il-fruntiera
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi u l-awtoritajiet kollha involuti fid-diversi stadji tal-proċedura fuq il-fruntiera, b'mod partikolari l-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, ir-rappreżentanti legali u l-avukati, jikkoordinaw b'mod effiċjenti u jikkondividu l-informazzjoni ma' xulxin.
	2. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-proċedura fuq il-fruntiera għandhom jistabbilixxu strateġija ta' governanza, jadottaw proċessi xierqa, u jiżviluppaw għodod li

	jappoġġaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-applikanti bejn l-atturi kompetenti involuti fil-proċeduri.
	3. Il-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jidentifikaw l-aħjar prattika u jipprovdu gwida għall-Istati Membri fir-rigward ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda **54**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 41d
	Il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza fil-proċedura fuq il-fruntiera
	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-applikanti fil-proċedura fuq il-fruntiera kundizzjonijiet xierqa ta' akkoljenza materjali u standard tal-għajxien adegwat kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-applikanti bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza, kif previst fl-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva.
	2. Il-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi l-kostruzzjoni, l-operat u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet attwali u futuri.

Or. en

Emenda **55**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d).	Id-deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d). ***L-applikanti għandhom jiġu infurmati kif xieraq u fil-ħin dwar id-dritt tagħhom ta' appell.***

Or. en

Emenda **56**
Fabienne Keller Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Jekk*** id-dokumenti ma jiġux ippreżentati ***fil-ħin lill-qorti jew lit-tribunal*** biex jiżguraw it-traduzzjoni tagħhom, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jirrifjutaw li jikkunsidraw dawk id-dokumenti jekk ma jkunux akkumpanjati minn traduzzjoni pprovduta mill-applikant.	6. ***Il-qorti jew it-tribunal għandhom iqisu d-dokumenti u l-informazzjoni kollha pprovduti mill-applikant. Jekk*** id-dokumenti ma jiġux ippreżentati ***fi żmien raġonevoli*** biex ***il-qorti jew it-tribunal*** jiżguraw it-traduzzjoni tagħhom, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jirrifjutaw li jikkunsidraw dawk id-dokumenti jekk ma jkunux akkumpanjati minn traduzzjoni pprovduta mill-applikant***, dment li l-applikant ma jagħtix justifikazzjoni raġonevoli għal kwalunkwe dewmien fil-preżentazzjoni ta' dawk id-dokumenti***.

Or. en

Emenda **57**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu għal*** livell wieħed ***biss*** ta' appell	9. L-Istati Membri għandhom ***jipprevedu, mill-inqas,*** livell wieħed ta'

fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.	appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera. ***Fejn Stat Membru jipprevedi aktar minn livell wieħed ta' appell, huwa għandu jiżgura li l-proċedura fuq il-fruntiera tiġi konkluża fil-limitu ta' żmien ta' 12-il ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 41(11).***

Or. en

Emenda **58**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ħamest ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju;	(a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ħamest ijiem ***tax-xogħol*** mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju;

Or. en

Emenda **59**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) l-applikant għandu jiġi infurmat kif xieraq u fil-ħin bid-drittijiet tiegħu skont dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda **60**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, b'deroga mill-paragrafu ***6***, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa'***, mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement***, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4).	6. ***B'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' non-refoulement,*** f'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, b'deroga mill-paragrafu ***5***, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa', jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4).

Or. en

Emenda **61**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 57a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 57a
	Ir-rwol tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni
	1. Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni li jaġixxu fil-qasam tal-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni għandhom, fil-mandati rispettivi tagħhom, jipprovdu appoġġ qawwi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-proċedura aċċellerata ta' eżami skont l-Artikolu 40,

il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 41 l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn skont l-Artikolu 41a.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni msemmija fih jistgħu jipprovdu lill-awtoritajiet nazzjonali analiżi, għarfien espert u appoġġ operazzjonali, u jistgħu jwettqu missjonijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandhom jaqdu rwol ċentrali fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Fejn mitlub minn Stat Membru, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni jistgħu jipprovdulu appoġġ. Il-Kummissjoni jew korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni jistgħu, minn jeddhom, jipproponu li jipprovdu appoġġ lil Stat Membru speċifiku. Meta l-Kummissjoni jew korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni jipproponu appoġġ lil Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jieħu kont debitu tal-proposta. L-Istat Membru kkonċernat jista' jaċċetta, jemenda jew jirrifjuta dik il-proposta. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni fil-ħin deċiżjoni motivata dwar l-aċċettazzjoni, l-emenda jew ir-rifjut ta' dik il-proposta.

3. F'koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jwettqu l-kompiti li ġejjin:

(a) jipprovdu appoġġ operazzjonali fl-istadji kollha tal-proċeduri tal-asil u tar-ritorn billi jibagħtu persunal fuq il-post sabiex:

(i) jipprovdi informazzjoni fil-ħin lill-applikanti dwar id-drittijiet proċedurali u fundamentali tagħhom;

(ii) iwettaq valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u tal-eliġibbiltà biex jiddetermina l-proċedura applikabbli;

(iii) iwettaq intervisti u jipprovdi servizzi ta' interpretazzjoni;

(iv) jeżamina l-applikazzjonijiet għall-ażil u jħejji d-deċiżjonijiet tal-ewwel istanza;

(v) jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-attivitajiet ta' ritorn;

(vi) jappoġġa u jagħti pariri lill-awtoritajiet nazzjonali fl-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-proċessi tal-akkoljenza, il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, u l-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali;

(b) jappoġġaw attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal li jopera f'diversi stadji tal-proċeduri fuq il-fruntiera;

(c) jipproduċu analiżi bbażata fuq l-esperti u jaqsmu informazzjoni affidabbli fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-analiżi tal-pajjiżi tal-oriġini;

(d) iwettqu kompiti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni regolari, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-akkoljenza, id-drittijiet proċedurali jew id-detenzjoni;

(e) abbażi tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb u tiġi adattata l-proċedura fuq il-fruntiera.

4. Organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew l-Organizzazzjoni Interazzjonali għall-Migrazzjoni, jistgħu, fil-mandat tagħhom u b'koordinazzjoni mal-Istati Membri, jappoġġaw lill-Istati Membri fil-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda **62**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 57b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 57b
	Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera
	1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja regolarment l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, inklużi, b'mod partikolari, l-aspetti li ġejjin:
	(a) l-aċċess li l-atturi kompetenti kollha għandhom għall-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' proċedura fuq il-fruntiera;
	(b) il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza u r-rekwiżiti speċifiċi għall-proċedura fuq il-fruntiera;
	(c) ir-rispett għad-drittijiet proċedurali, bħall-aċċess għall-informazzjoni, għall-assistenza u r-rappreżentanza legali u għall-interpretazzjoni jew id-dritt għal rimedju effettiv;
	(d) il-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-proċedura fuq il-fruntiera;
	2. Il-Kummissjoni għandha twissi lil Stat Membru fejn il-kapaċità ta' post li jkun innotifika skont l-Artikolu 41(14) tkun temporanjament insuffiċjenti għall-finijiet tal-ipproċessar tal-applikanti.

Or. en

Emenda **63**
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 57c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 57c
	Il-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali fil-proċedura fuq il-fruntiera
	1. L-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 41 u l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn skont l-Artikolu 41a għandhom jiġu investigati kif xieraq bħala parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
	2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni li għandhom kompetenzi ta' monitoraġġ, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Dak il-mekkaniżmu għandu jkollu l-għan li:
	(a) jiżgura li l-atturi kollha involuti fil-proċedura fuq il-fruntiera jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni u dik internazzjonali waqt il-proċedura fuq il-fruntiera;
	(b) jiżgura l-konformità, fejn applikabbli, mar-regoli Ewropej dwar id-detenzjoni tal-persuni, b'mod partikolari r-regoli li jikkonċernaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni u t-tul ta' żmien tagħha;
	(c) jiżgura li l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-proċeduri fuq il-fruntiera għall-asil u r-ritorn, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-asil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u

mingħajr dewmien żejjed.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi salvagwardji adegwati biex tiggarantixxi l-indipendenza tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tipprovdi lill-Kummissjoni gwida ġenerali dwar l-istabbiliment tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, inkluż fir-rigward tal-funzjonament indipendenti tal-mekkaniżmu, il-metodoloġija tal-monitoraġġ li juża u skemi xierqa ta' taħriġ.

Il-Kummissjoni tista' tistieden organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ imwettaq bħala parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

3. Fejn il-monitoraġġ imwettaq bħala parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 2 jiddetermina li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni għandha tadotta penali xierqa u proporzjonati.

Or. en